MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 74/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mark Calleja**
**u**
**Jason Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Calleja u Jason Scerri talli fil-11 ta' April 1999 fl-inhawi ta' Hal Balzan ghall-habta ta' 4.00 p.m. ikkommettew serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer minn gol-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAO 121 tal-ghamla Opel ghad-detriment ta' Micallef Josef detentur tal-karta tal-identita` 138575(M), liema sera huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix Lm1,000, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jason Scerri wahdu talli:

(a) fl-istess data, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

(b) kiser il-provvediment ta' l-artikolu 28 Kap 9 ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Frar 1998 li biha gie kkundannat ghal sena prigunerija sospiza ghal erba' snin, kif ukoll talli kiser l-istess provvediment tal-ligi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' April 1998 ghal sena prigunerija sospiza ghal tliet snin liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

(c) sar recidiv b'sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 1995 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mark Calleja wahdu talli:

(a) wara li f'Malta gie kkundannat ghal serq jew ghal ricettazzjoni, insab fil-pussess ta' ghodda tajba ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi;

(b) sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' April 1998 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra. Kif ukoll sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-21 ta' Mejju 1997 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, b'dan li, fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni ma sabithomx hatja ta' l-aggravju tal-valur, u b'dan ukoll li fir-rigward ta' l-appellant Jason Scerri ddikjarat r-reat ta' ricettazzjoni assorbit f'dak

tas-serq, u kkundannat lil Jason Scerri ghal sena u nofs prigunerija u estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ghal erba' snin mid-data tas-sentenza filwaqt li lil Mark Calleja kkundannatu ghal sena u nofs prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mark Calleja pprezentata fit-22 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena anqas harxa u tikkonfermaha fil-parti fejn instabet htija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Jason Scerri pprezentat fl-24 ta’ Marzu 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta u tikkonfermaha fil-kumplament;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Kemm l-appellant Mark Calleja kif ukoll l-appellant Jason Scerri qeghdin jappellaw mill-piena inflitta mill-ewwel Qorti. Il-piena rispettiva taghhom giet inflitta wara li dik il-Qorti qieset fir-rigward taz-zewg appellanti (allura imputati) *"li sallum it-tnejn gawdew minn diversi opportunitajiet biex jipprovaw jirriformaw ruhhom, pero` jidher li dan ma tantx sewa wisq, dan qed jinghad minhabba l-frekwenza li fiha saru r-reati li taghhom gia` gew gudikati u dan in dizamina. Jidher ukoll mill-atti li dawn iz-zewg persuni huma afflitti mill-vizzju ta' abbuz ta' droga mil-liema vizzju jridu jkunu huma li johorgu minnu"*.

Issa kif gie ritenut ripetutament, din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt[1]. Stabbilit dan, din il-Qorti ser tghaddi biex tiddisponi mill-appelli individwali taz-zewg appellanti.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta'**

L-APPELL TA' MARK CALLEJA

Fir-rikors ta' appell tieghu dan l-appellant jindika diversi ragunijiet ghaliex il-piena inflitta fuqu mill-ewwel Qorti ghandhas titqies wahda harxa:

- l-istereo misruq kien ta' valur zghir, instab mill-Pulizija wara ftit minuti u gie ritornat lis-sid;
- ghalkemm il-hajja tieghu bejn l-1997 u l-1999 ma kinitx wahda ezemplari, mill-1999 'l hawn biddel hajtu kompletament;
- m'ghadx ghandu l-vizzju tad-droga, hu mizzewweg u ghandu t-tfal;
- ghandu impjieg fiss id-Drydocks;
- l-ewwel Qorti damet biex ghaddiet ghas-sentenza biex jigi zgurat li fil-mori tal-proceduri l-appellant ma jergax jaqbad it-triq il-hazina u ghalhekk kien sorprendenti dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha li ma kienx qabad it-triq it-tajba;
- jekk jintbaghat il-habs, l-isforzi kollha li saru minnu u mill-familja tieghu jintilfu.

Il-kondotta refrattarja ta' l-appellant Mark Calleja tirrizulta sew mill-fedina penali aggornata tieghu u tirrispekkja perijodu ferm itwal milli jsostni hu fir-rikors ta' appell tieghu. L-ewwel darba li jidher li nstab hati dwar serq u hsara volontarja mill-Qorti tal-Magistrati kien fl-20 ta' Dicembru 1991 b'riferenza ghall-ahhar xhur qabel l-24 ta' Frar 1990. Fil-15 ta' April 1998 jidher li nstab hati mill-Qorti ta' Appell dwar tentattiv ta' serq minn residenza fit-30 ta' Awissu 1994. Fil-21 ta' Mejju 1997 il-Qorti tal-Magistrati sabitu hati, *inter alia*, dwar serq ta' diversi vetturi u hsara fuq uhud minnhom. Fil-15 ta' Jannar 1999 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati talli fl-20 ta' Frar 1998 hebb kontra persuna, ikkagunalha feriti ta' natura hafifa, dagha fil-pubbliku u kiser il bon ordni jew kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju. Fit-22 ta' Frar 2000 instab hati mill-Qorti tal-Magistrati dwar serq ta' deheb u flus minn residenza u hsara volontarja fil-bieb ta' l-istess dar fit-12 ta' April 1998. L-ahhar kundanna tirrisali ghat-12 ta' Mejju 2003 dwar

---

**Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

pussess tad-droga eroina fit-8 ta' Lulju 2002 u l-ahhar xahar qabel dik id-data. Jigifieri l-perijodu li fih l-appellant Mark Calleja ilu jxellef difrejh mal-ligi huwa ta' aktar minn tnax-il sena. Ifisser ukoll li ghalkemm huwa ppartecipa fil-*Prison Inmates Programme* tal-CARITAS minhabba problema ta' droga meta kien inghata sentenza ta' prigunerija fit-22 ta' Frar 2000, u ttermina dan il-programm fid-19 ta' Frar 2001, fl-2002 kien qieghed jerga' jabbuza mid-droga u dan kien proprju fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Qorti.

Fil-kaz odjern, ir-reati li dwarhom l-appellant Mark Calleja nstab hati huma (1) serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa li l-piena ghal dan ir-reat huwa ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin u liema piena ma tinghatax fil-*minimum* taghha, (2) pussess mhux gustifikat ta' ghodda tajba ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi li l-piena hija ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur, bl-assorbiment tat-tieni reat fl-ewwel reat a tenur ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Inoltre nstab hati li sar recidiv u ghalhekk il-piena tista' tizdied bi grad wiehed. Dan ifisser li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet taqa' fil-parametri stabbiliti mil-ligi meta wiehed iqis li dan l-appellant seta' jigi kkundannat massimu ta' erba' snin prigunerija.

Din il-Qorti tifhem li peress li l-appellant huwa mizzewweg u ghandu t-tfal jinholqu sensiela ta' problemi u diffikultajiet, u din il-Qorti tissimpatizza mal-familja tieghu li minhabba l-agir irresponsabbli tieghu trid tkompli ssofri tbatija, mhux lanqas dik finanzjarja, ulterjuri, pero` ma tistax taccetta dawn il-fatturi bhala attenwanti ghall-fini ta' piena. Fl-istess hin wara li ezaminat bir-reqqa kollha l-*pre-sentence investigation report* redatt mill-ufficjal tal-*probation* John Testa u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tar-reati in kwistjoni, inkluz li r-refurtiva giet prelevata mill-ewwel, hija tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

L-APPELL TA' JASON SCERRI

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant Jason Scerri wkoll isostni li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva u

sproporzjonata. Ighid li kemm meta gie kommess ir-reat in kwistjoni kif ukoll prezentement, huwa kien u ghadu jsofri mill-vizzju tad-droga u kkommetta dan ir-reat biex isostni l-*lifestyle* tieghu. Huwa ghandu bzonn ghajnuna konsistenti f'programm biex johrog mill-problema tad-droga u mhux sentenza karcerarja. Billi ghadu qatt ma skonta sentenza karcerarja, tali sentenza tinibixxi l-opportunita` biex jirriforma ruhu. Inoltre jsostni li ma kienx il-principal fil-kommissjoni tar-reat u lanqas ma assista lil Mark Calleja; ghalhekk l-involviment tieghu kien wiehed minimu jekk mhux negligibbli.

Fir-rigward ta' dan l-ahhar ilment din il-Qorti tosserva li l-appellant Jason Scerri mhuwiex qieghed jappella mill-htija u ghalhekk galadarba huwa nstab hati tar-reat hawn in kwistjoni (cioe` dak ta' serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa) bhala principal, kull kumment ikun superfluwu. Ciononostante din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u ssib li m'hemm l-ebda dubju li l-appellant Jason Scerri kien ko-awtur fl-imsemmi reat. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et** moghtija fit-3 ta' Frar 1984 (Vol. LXVIII.v.309), *"il-korreu mhux restritt ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484).

Din il-Qorti hija sorpriza wkoll li l-appellant Jason Scerri jipprova jressaq bhala attenwant il-fatt li huwa ghandu problema ta' droga u li kkommetta r-reat biex isostni l-*lifestyle* tieghu. Hija ma tista' qatt taccetta tali raguni bhala attenwant. Jekk ghandu problema ta' droga irid jaghmel sforz fuqu innifsu biex jehles minn dik il-problema, kif ighid issa li huwa lest li jaghmel. Anki fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti fil-fatt jidher li beda jaghmel dan l-isforz. Proprju l-ahhar xiehda li nghatat minn Josette Camilleri, impjegata ma' l-agenzija SEDQA, tindika li l-appellant ghamel programm ta' ditossifikazzjoni permezz tan-Naltraxone, kompla jattendi ghall-*counselling* u kien qed jahdem *full time*.

L-appellant huwa zbaljat ukoll meta fir-rikors ta' appell tieghu jghid li qatt ma skonta sentenza ta' prigunerija. Mill-fedina penali tieghu jidher li kien inghata sentenza ta' prigunerija fid-9 ta' Lulju 1999 dwar serq minn residenza u hsara volontarja fuq il-bieb ta' l-istess dar fit-2 ta' Ottubru 1996. Oltre dan, il-fedina penali turi sew il-hajja refrattarja tieghu. Jidher li huwa kkommetta reati fl-1990, 1992, 1995, 1996, 1997 u 1998. Huwa gie mmultat hames darbiet, inghata liberazzjoni kondizzjonali tliet darbiet, sentenza sospiza ta' prigunerija erba' darbiet u sentenza ta' prigunerija darba.

Bhal fil-kaz ta' l-appellant Mark Calleja, l-appellant Jason Scerri nstab hati fil-kaz odjern tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, li l-piena dwaru huwa ta' bejn hames xhur u tliet snin prigunerija li ma tinghatax fil-*minimum*. Oltre dan huwa hati li sar recidiv u ghalhekk il-piena tista' tizdied bi grad wiehed. Jigifieri l-piena massima ghal dan ir-reat biss setghet kienet ta' erba' snin prigunerija u ghalhekk il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet taqa' sew entru l-parametri stabbiliti mil-ligi. Nonostante cio`, wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-*pre-sentence investigation report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* John Testa u s-sottomissjonijet hemm maghmula u wara li qieset ic-cirkostanzi tar-reat kif diga` msemmi, hi tal-fehma li ghandu jkun hemm ukoll temperament fil-piena.

Apparti dan, pero`, l-appellant Jason Scerri gie misjub hati li kkommetta l-imsemmi reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija moghtija b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Frar 1998 u sentenza sospiza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-14 ta' April 1998. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghaddiet biex tittratta ma' l-appellant Jason Scerri ghal dawn is-sentenzi sospizi billi, wara li kkundannatu ghal sena u nofs prigunerija ghar-reat odjern, ghaddiet biex *"testendi z-zmien operattiv tas-sentenza sospiza* [recte: sentenzi sospizi] *ghal erba' snin mil-lum"*. Mill-fedina penali aggornata esebita quddiem din il-Qorti jidher li l-Qorti tal-Magistrati diga` ttrattat ma' l-appellant ghall-ksur tas-

sentenza sospiza moghtija fis-27 ta' Frar 1998, u dan permezz ta' sentenza tat-3 ta' Marzu 2000. Difatti permezz ta' dik is-sentenza hija estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' sena prigunerija moghtija bis-sentenza tas-27 ta' Frar 1998 ghal erba' snin ohra minn dik is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2000. L-ewwel Qorti, li ma kellhiex fedina penali aggornata quddiemha meta ppronunzjat is-sentenza appellata u stante li l-appellant ma attiralhiex l-attenzjoni ghal dan il-fatt, zgur ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tittratta mieghu ghal tali ksur. Din il-Qorti ghalhekk trid tirrettifika din is-sitwazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell ta' Mark Calleja billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet il-htija kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena u nofs u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar.

Tiddisponi mill-appell ta' Jason Scerri billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet il-htija kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sena u nofs u estendiet il-perijodu operattiv tas-sentenzi sospizi msemmija ghal erba' snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar u tibdel l-ordni originali maghmul bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' April 1998 u testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' sena prigunerija li ghaliha l-appellant kien gie kkundannat b'dik is-sentenza ghal erba' snin millum.

<u>Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jaghmel dak kollu mehtieg sabiex iz-zewg appellanti jigu inseriti minnufih fi programm ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga.</u>

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------